KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta**
**Disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 13** **It-Tlieta 22 ta' April 2025**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:07pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Anthony Agius Decelis – Kunsillier (Minority Leader) daħal fis- 7:01pm
Thomas De Martino – Kunsillier daħal fis- 6:13pm
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Chris Grech – Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier daħlet fis- 6:55pm
Rachel Abela – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Maria Pia Bonnici – Kunsillier

**ASSENTI:**
Andre Buhagiar- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

### 13.1 Qari tal- ittri ta' apoloġija

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv rċieva notifika mingħand il-Kunsilliera Bonnici fejn informat illi ma tistax tattendi għal-laqgħa. Din l-ittra t'apoloġija kienet approvata nem. con.

**18:15 - Il- Kunsillieri qablu illi ssir sospensjoni tal- Laqgħa sabiex ikunu diskussi l- punti f' sezzjoni 13.5 – Rapporti.**

### 13.5 Rapporti
**13.5.1 Devolution Request Triq tal- Milord Bidnija**

Is-Sindku preżenta talba sabiex biċċa art żgħira fil- Bidnija, fi Triq tal- Milord, tkun devoluta lill-Kunsill sabiex isir parkeġġ. Il- Kunsillieri qablu illi l-Kunsill jipproċedi bid-devoluzzjoni ta' din iż-żona.

**13.5.2 Sejħa għal impjieg – Full Time Administration Officer Scale 11**

Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw talba quddiem il-Kunsill sabiex ikun ingaġġat impjegat fil- *Back Office* tal- Kunsill sabiex ikun żgurat operat kontinwu u effiċjenti. Il-Kunsillieri qablu illi l- Kunsill jipproċedi bis-sejħa għal dan l-impjieg.

**13.5.3 Bye Law**

Is- Sindku talab l- approvazzjoni tal- Kunsill sabiex tinħareġ il-Bye Law tal-kummerċjalizzazzjoni ta' postijiet li huma fir-remit amministrattivi tal-Kunsill illi kienet iċċirkolata mal-Kunsilliera fil-ġimgħat preċedenti. Il- Kunsillieri qablu illi l-Kunsill jipproċedi bis-sottomissjoni ta' din il- Bye Law.

**13.5.4 Tender Lease of Premises**

Is- Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinħareġ it- tender għas- sejħa għal-garaxx tal-Kunsill, it-tali tender kien iċċirkolat mal- Kunsillieri fil-ġimgħat preċedenti. Il-Kunsillieri qablu illi l-Kunsill jipproċedi bil-ħruġ ta' dan it- tender.

**13.5.5 MOU – Ġnien Freddie Micallef**

Is- Sindku u l- Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal- *Housing Authority* fejn sar ftehim illi l- Kunsill jingħata xi fondi għal-manutenzjoni ta' Ġnien Freddie Micallef. It- tali somma hija ta €60,000 fuq medda ta' ħames snin u dan jinkludi iż- żamma tal-ġnien, kif ukoll manutenzjoni ġenerali taż- żona. Is- Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jipproċedi bl-iffirmar tal-MoU. Il-Kunsillieri qablu illi dan l- MoU ikun iffirmat.

**13.2 Kunsiderazzjoni tal- Minuti nru 12**

**13.2.1 Korrezzjonijiet Minuti nru 12**

Il- Minuti numru 12 kienu approvati nem. con. bl- emenda f' punt 12.4.2 illi ġie kkoreġut hekk kif imniżżel hawn taħt:

**12.4.2 Viċi Sindku – *Information Board* fit-toroq relatati mal-Inkurunazzjoni**

Il-Viċi Sindku ppropona li jinħoloq post kommemorattiv fi Triq l- Inkurunazzjoni u f' toroq marbuta mal-anniversarju, fejn tiġi ddisinjata kuruna bħala simbolu tal-Inkuronazzjoni, u li ssir attività f'din iż-żona biex jitfakkar l-anniversarju tal-istess Inkuronazzjoni. Il-Viċi Sindku stma li l-ispiża ta' dan il-proġett tkun madwar €5000. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar lil kulħadd li bħalissa m'hemmx fondi disponibbli. Il-proposta kienet approvata mill-Kunsill b'mod unanimu (nem. con.).

**13.2.2 Aġġornamenti Minuti nru 12**

**10.5.1 Measure 4.3 Update**

Is-Sindku semma laqgħa illi saret bejn id- DGL, Is- Sindku, Il- Kunsillier De Martino, Il-Kunsillier Grech u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv mal-IM. It- tali laqgħa iddiskutiet il- vijabilità tal- proġett M4.3 sabiex jitlesta fiż- żmien stipulat illi huwa s' Awwissu 2025. Kien hemm qbil illi jsir tibdil f' dan il-proġett u tkun ddedikata triq oħra qrib il- Kappella tal- Isperanza illi tkun ta' sodisfazzjon għal dan il-proġett. Din il- ġimgħa ser ikun hemm laqgħa mal-IM sabiex ikun deċiż jekk dan il- proġett huwiex vijabbli.

**10.5.4 Triq il- Mitħna Update**

Il-Kunsillier Grech semma aġġornament fejn informa l-Kunsillieri illi Halmann ser jissupplixxi u jinstalla xi sample fiż- żona bil- *coping* sabiex ikun viżwalizzat ix- xogħol u tkun aġġornata il-BOQ b' dan ix- xogħol.

**11.4.9 Bye Law**

Hekk kif diskuss f' punt 13.5.3 iktar kmieni f' dan id- dokument.

**12.4.1 Viċi Sindku – Ktejjeb għat- tfal**

Il- Viċi Sindku semma illi ser ikun hemm *book launch* fis- sala tal- Kunsill Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Mejju 2025 fejn dan il-ktejjeb ser ikun ppreżentat lit- tfal Mostin.

**13.3 Komunikazzjoni/ Korrispondenza mis- Sindku**

**13.3.1 Update Measure 4.3**

Hekk kif msemmi f' punt 13.2.2

**13.3.2 Fire Engines – Festa Bidnija u Festa Mosta**

Is- Sindku preżenta talba lil-Kunsill sabiex il- Kunsill jkunu pprovduti *Fire Engines* għal-Festa Bidnija u Festa Mosta. Il-Kunsillieri qablu nem. con.

**13.3.3 APS *Change in Signatories***

Is- Sindku u l- Aġent Segretarju Eżekuttiv talbu permess tal-Kunsill sabiex isiru firmatarji tal-kont tal-Kunsill tal-bank APS. Il- Kunsillieri qablu nem. con.

**13.4 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet mill- Kunsillieri**

**13.4.1 Kunsilliera Bayliss – Skemi**

Il-Kunsilliera Bayliss talbet permess sabiex il- Kunsill jappilka għal- skemi SPI/SCI/02/2025 li tikkonċerna attivitajiet kulturali annwali 2025- 2026, fejn il- Kunsill beħsiebu jorganizza Qargħasel. Il- Kunsilliera Bayliss talbet permess ukoll sabiex tapplika għal- SPI/SCI/04/2025 li tikkonċerna il- Milied 2025. Il- Kunsillieri preżenti qablu nem. con sabiex il- Kunsilliera Bayliss tipproċedi bl- applikazzjoni.

**13.4.2 Minority Leader – Korsijiet għat- tfal**

Il- Minority Leader ippropona illi Jsiru korsijiet għat- tfal għad- *drama*, *horse riding*, *crafts*.Il-Minority Leader ser iġib xi kwotazzjonijiet għal dawn l- attivitajiet. Il- Kunsillieri qablu nem. con.

**13.4.3 Viċi Sindku – Aġġornament fuq is-siġar tal- Ficus**

Il- Viċi Sindku talab aġġornament fuq is- siġar tal- Ficus tal- Pjazza. Is- Sindku stqarr illi mill-informazzjoni illi għandu, l- investigazzjoni għada għaddejja u għada trid tkun konkluża.

**13.4.4 Kunsillier Schembri – Triq il- Bażilika**

Il- Kunsillier Schembri ppropona li jkun aġġornat il- pjan tat- traffiku fi Triq il- Bażilika peress illi hemm ħafna tgergir mir- residenti u nies li jimxu fuq il- bankini li huma dojoq. Il- Kunsillieri jixtiequ illi jintneħħew xi parkeġġi u titwessa l- bankini; is- Sindku ma jaqbilx illi jineħħew il- parkieġġi min din iż-żona. Madankollu, Is- Sindku qal li ser jinvestiga dan il- każ sabiex ikun assigurat is- sigurtà tal- poplu.

**13.4.5 Kunsillier De Martino u Kunsillier Mallia**

Il- Kunsillier De Martino u Kunsillier Mallia pproponew attività għal- tour bi gwida uffiċjali bi spiża ta madwar €100 għal gwida u €50 għal- kowċ. L- attività ser tiswa €2 għal- parteċipanti. Il- Kunsilliera qablu nem. con. sabiex jipproċedu b' din l- attivita.

**13.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**13.6.1 Skeda tal-Pagamenti**

l- Iskeda ta' Pagamenti numru 160 kienet approvata mill- membri preżenti nem. con.

**13.6.2 Purchase Orders**

Il- lista ta' Purchase Orders ippreżentata kienet approvata mill- membri preżenti nem. con.

**13.6.3 Works Orders**

Il- lista ta' Works Orders ippreżentata kienet approvata mill- membri preżenti nem. con.

**13.6.4 Petty Cash**

Il- lista ta' Petty Cash ippreżentata kienet approvata mill- membri preżenti nem. con.

**13.7 Tmiem il- laqgħa u data tas- seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit- 8:55pm, u kien maqbul il-laqgħa uffiċjali li jmiss tal-Kunsill, jiġifieri Laqgħa Numru 14, se ssir nhar it-Tlieta, 27 ta' Mejju 2025 fis- 6pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Joseph Gatt** | **Jeremy Bartolo** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |